# Santa Margerita ta' Għajn Riħana

minn Lorenzo Zahra



Din il-Knisja ġiet mibnija mill-Kanoniku Dun Nerik De Bordin li kien Kanoniku tal-Kattidral ta' Malta. Meta miet hu ħalliha lill-Kattidral bl-obbligazzjonijiet tagħha. Allura l-kapitlu tal-Kattirdal beda jinkariga rettur jew prokuratur sabiex jieħu ħsiebha kif ukoll sabix iwettaq kull obbligazzjonijiet ta' quddies imwaqqaf.

Il-kappella hija ddedikata lil Santa Margerita Martri ta' Antijikja ta' Pisidja u għalhekk ta' kull sena fil-festa tagħha hemm stabbilit biex issir quddiesa ta' nhar il-festa. Kien hemm ukoll imħolli li billi kienet tinsab fl-art ftit abitata mill-kampanjoli, u uħud li jiġu mill-bogħod, kien hemm obbligu li joffrilhom l-ikel. Fil-fatt hekk kien isir għal bosta snin u dan kien jagħmlu l-prokuratur indipendentament mill-kappillan tal-parroċċa tan-Naxxar li kienet fl-akkwati ta' din il-parroċċa.

Maż-żmien iżda il-knisja għamlet xi żmien traskurata u l-isqof Balaguer fis-sena 1658 kien neħħilha l-konsagrazzjoni. Iżda din il-ħaġa ma damitx il-għaliex xi ħadd devot ta' din il-qaddisa martri daħal għal inkarigu li jieħu ħsiebha. Kienet il-familja Bezzina Duminku u martu Biagja li bdew jieħdu ħsiebha u bdew jixgħelu lampa biż-żejt kull nhar ta' Sibt, mhux biss, imma ħallew legat għand id-Nutar Mattew Cauchi nhar l-14 ta' Ottubru 1666 b'xi obbligi oħra.

Nofs il-knisja kienet qdiemet wisq u kellha parti mġarrfa. Iżda fis-sena 1849 ġiet imsewwija sewwa u mal-faċċata li nistgħu ngħidu saret ġdida tqegħdet irħama *non gode l'immunita ecclesiastica*, jiġifieri ħadd ma seta' jinqeda b'din il-knisja biex jaħrab mill-ġustizzja.

Qrib is-snin 1866-1882 saret kamra ġdida bħal kċina biex ikun jista' jitħejja l-ikel għall-pelegrini nhar il-festa kif stabbilit mill-fundatur, mela nhar l-20 ta' Lulju.



Il-knisja ta' Għajn Riħana

Il-Knisja għandha fonti qadim tassew, bħal dak li wieħed isib fil-kappella ta' Ħal-Millieri. Hemm qampiena li saret fl-1708 u bassoriliev tal-Madonna li hu qadim. Il-Via Sagra hija bi stampi inċizzjoni tassew interessanti. Kien dan l-aħħar Fr Frank Grech geswita kif ukoll brother Spiteri li jieħdu ħsieb din il-knisja tal-qaddisa martri Margerita. Kull nhar ta' Sibt fil-għaxija ikun hemm quddiesa.